**17 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

Mario Cuschieri

**Oltraġġ - Attakk jew reżistenza kontra uffiċjali pubbliċi**

*Is-sempliċi theddida bil-fomm jew b'ġesti ma tammontax għal vjolenza jew ħebb,* violence or act of force *jew* vie di fatto *li hu element essenzjali għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Tali theddid, pero' jista' jammonta għar-reat ta' oltraġġ ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Mario Cuschieri talli fil-Buskett, Malta, fl-24 ta' April, 1995 għall-ħabta tas-6.00 a.m. (1) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza kontra membri tal-pulizija u Spetturi ta' l-Ambjent li huma persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita` kompetenti, bi ksur ta' l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali; (2) ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja jew jieħu xi għasfur jew fenek selvaġġ f'riserva naturali, bi ksur tar-regolament 21 (1) (a) ta' l-Avviż Legali 146/93; (3) kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu arma tan-nar u munizzjon f'riserva naturali, bi ksur tar-regolament 21 (1) (ċ) ta' l-Avviż Legali 145/93; l-Ewwel Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tagħti l-piena tordna l-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti u tordna li l-akkużat jiġi skwalifikat *milli jkollu jew jottjeni* liċenzja għall-kaċċa għal perijodu għal mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-31 ta' Lulju, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Cuschieri ħati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra

tiegħu, illiberatu skond l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 għal tliet snin bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fl-istess żmien u dan referibbilment għall-ewwel imputazzjoni u dwar iż-żewġ imputazzjonijiet l-oħra ikkundannatu għall-klas ta' multa ta' mitejn lira Maltija (Lm200) u ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti kollha indikati fid-dokument S; dik il-Qorti fl-aħħarnett skwalifikatu mil-liċenzji tiegħu għall-kaċċa għall-perijodu ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Cuschieri minnu ppreżentat fil-5 ta' Awissu, 1996, li bih huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat;

L-appellant għandu żewġ aggravji. L-ewwel wieħed hu li hu nstab ħati ħażin skond l-ewwel imputazzjoni. Hu jikkontendi, bażikament, li ġaladarba l-Ewwel Qorti aċċettat li s-senter ħa aċċidentalment, ma setgħetx fl-istess ħin issibu ħati *li hedded lil uffiċjali pubbliċi b'dak is-senter u anqas setgħet* issibu ħati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri r-reat ta' attakk jew reżistenza kontra uffiċjal pubbliku;

Il-parti operattiva tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti taqra hekk:

"Il-Qorti *hi ta' fehma mill-assjem ta'* provi li dak li ġara kien li waqt li l-imsemmi Mario Gauci u PS1379 Raymond Cremona kienu qed jiġru wara l-imputat, dan dar bis-senter biex jipprova jbeżżagħhom u dak il-ħin is-senter ħa aċċidentalment. Il-fatt li hedded lill-imsemmijin uffiċjali b'senter jikkostitwixxi r-reat addebitat lilu taħt l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9";

*Kif imfisser minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta'* Novembru, 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Ezzawi Mehemed**, issempliċi theddida, bil-fomm jew b'ġesti, ma tammontax ghal vjolenza jew hebb, *violence or act of force*, jew *vie di fatto* li hu element essenzjali ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-*Kodiċi Kriminali. Tali theddid, pero', jista' jammonta (u fil-każ* in diżamina jidher li kien jammonta) ghar-reat ta' oltraġġ ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Talli l-appellant qatt ma ġiet akkużat f'dan ir-reat ta' oltraġġ u anqas ma jista' raġonevolment jinghad li l-ewwel imputazzjoni tipotizza dana r-reat. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju ta' l-appellant ser jiġi akkolt u l-Qorti ser *tilliberah mill-ewwel* imputazzjoni;

*It-tieni aggravju hu li l-piena inflitta ghar-reati* kkontemplati fit-tieni u fit-tielet imputazzjoni kienet eċċessiva. Din il-Qorti ma taqbilx u tara *li dik il-piena kienet wahda ġusta;*

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti u ċjoe' billi thassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant *hati skond l-ewwel imputazzjoni, minn* liema imputazzjoni qed tilliberah u thassaraha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn huwa ġie lliberat skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi żmien tliet snin u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-perijodu ta' sena skwalifika mil-liċenzji ghall-kaċċa jibda jiddekorri mil-lum.

---